MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1257/2003

John Mary Farrugia
vs
Joanne Farrugia

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ippremetta:

Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-ghoxrin (20) ta’ Settembru 1995.

Illi permezz ta’ kuntratt datat erbgha (4) ta’ Settembru 2003 in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo` (Dok. JF1) il-partijiet isseparaw minn ma’ xulxin.

Illi fiz-zmien li gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni personali msemmi fic-citazzjoni l-attur kien ibati minn kundizzjoni medika liema kundizzjoni affettwat il-kapacita` ta’ l-istess attur li jaghti kunsens kif inhu rikjest mil-ligi,

hekk kif certifikat mit-tabib Psikjatra Dr. Joseph Cassar (Dok. JF2).

Illi dan il-kuntratt huwa vizzjat peress illi l-attur resaq ghall-publikazzjoni ta' l-istess kuntratt b'rizultat ta' vjolenza morali u qerq uzati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u anki peress illi, f'kull kaz l-attur kien fi zball, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk l-istess kuntratt ghandu jigi rexiss ghal kull fini u effetti tal-ligi.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-kuntratt pubblikat fl-4 ta' Settembru 2003 min-Nutar Dr. Marco Burlo` huwa affett minn vjolenza morali u qerq adoperati mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, u f'kull kaz, anke` huwa rizultat ta' zball da parti ta' l-attur; u

2. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla l-imsemmi kuntratt ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Fost id-dokumenti esebiti, a fol 14, hemm Dokument JF2 li huwa certifikat rilaxxat minn Dr. Joseph Cassar li jghid hekk:
"*This is to certify that the above mentioned has been under my care since 24/06/03. At that stage he was sufering from moderately severe depressive and anxiety symptoms in context of psycho-social stressors. I have referred him to individual psycho-therapy secondary to his wish not to have medications. I had seen him again on 29/07/03 when his symptoms had increased even further. Under such state of mind it is conceivable to understand that Mr. Farrugia's depression could have played a major role in his decision making capacity and could have affected his judgment when he signed his seperation contract*."

Il-persuna msemmija fic-certifikat hija l-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

Illi t-talbiet tal-attur huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *stante* li l-kuntratt ta' separazzjoni ma sarx b'ebda vjolenza morali u qerq jew li hemm xi zball *da parte* tal-attur u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Xehed Dr. Joseph Cassar fejn semma li wasal ghal konkluzjoni li John Farrugia kien qed ibati minn '*depressive symptoms*' fl-ewwel laqgha li kellhom, jigifieri fl-24 ta' Gunju 2003 u li ma damitx aktar minn 12-il minuta. Qal li meta psikjatra jaghmel evalwazzjoni l-ewwel darba, l-aktar haga importanti li jevalwa hija d-depressjoni u jara s-sintomi. Qal li hu wasal ghal din il-konkluzjoni minn dak li beda jghidlu hu u minn dak li ra, bniedem imdejjaq. Semma li Farrugia ma kienx qallu li kien hareg ghal *boat trips*, li mar *Jazz Festival*, li mar Ghawdex mal-habiba tieghu, li mar darbtejn il-*Wine Festival* u li kien jiltaqa' ma' xi hbieb u qaghdu jilaghbu c-*chess*. Lanqas ma qallu li kien jilbes *trendy clothes* u *tight fitting clothes* u ma jiftakarx x'kien liebes meta kien imur ghandu. Qal li jista' jkun kien kien *depressed* u xorta

wahda johrog, imur *festivals* izda lilu Farrugia kien tah l-indikazzjoni li kien qata' kwazi mill-attivitajiet kollha.

Meta mistoqsi jekk setax li John Farrugia kien ingannah qal li iva jista' jkun u li lilu kull pazjent jista' jingannah. Qal li li kieku kien qallu bl-affarijiet li kien ghamel kien jistaqsih aktar dwarhom. Jekk hallihom barra apposta allura qal li jsir suspettuz. Semma li ma jiftakarx ezatt kemm-il darba Farrugia kien mar ghandu imma mhux izjed minn hames darbiet u l-ewwel jew it-tieni darba kien mar mal-mara tieghu, ghalkemm ma kienx cert. Jekk jiftakar sew Farrugia ma kienx qallu li ried jissepara fil-bidu li kien imur ghandu izda qallu fuq problemi matrimonjali. Jekk jiftakar sew, Farrugia l-ewwel kien mar ghand Dr. Anna Cassar, li tigi l-mara tieghu, u hi peress li kien qed ihossu daqshekk imdejjaq kienet baghtitu ghandu bhala *psychiatrist*. Qal li hu kien offrielu l-medicina imma Farrugia kien hass li ma ghandux ghalfejn jehodhom u kellu jaghmel terapija. Qal li Farrugia kien kontra l-medicina u li jista' jkun li ma riedx jehodhom minhabba li l-medicini jnaqqsu s-*sexual drive*. Farrugia kien jahdem fi spizerija u dan il-fatt ma kienx jinkwetah. Spjega li ma tezistiex dianjozi ta' *depression*; jew ikollok *major depression* jew ma jkollokx *depression*. Qal li ma hemmx *major*, *mild* jew *moderate depression*. Ma tenfasizzax is-severita` tad-*depression*. Dik tigi wara. Is-Sur Farrugia ma kellux *a severe depression*. Qal li 20% tal-popolazzjoni jbati minn depressjoni ghalhekk mhix xi haga rari.

Semma li hu ma kienx jaf li ffirma xi dokument fiz-zmien li kien qed ibati minn depressjoni. Farrugia ma kienx qallu bih. Spjega li min ikun qed ibati b'depressjoni xi kull tant mhux rari jista' jiehu decizjonijiet li huma zbaljati. Seta' kien li waqt li Farrugia kien *depressed* kien ha decizjoni li kienet zbaljata. Izda peress li din id-decizjoni ma gietx diskussa mieghu, hu ma setax ikun jaf l-ambitu tad-decizjoni u lanqas seta' jaghtih parir dwar id-decizjoni. Semma li meta Farrugia kien iffirma l-kuntratt hu ma kienx rah u ma setax jghid jekk kienx f'posizzjoni sana izda meta rah hu kien *depressed* izda kien jaf x'qed jaghmel, ma kienx maqtuh mir-realta` ghalkemm kien *depressed*. Kieku meta ffirma l-kuntratt kien fl-istess sitwazzjoni bhal

meta kien rah hu, kien jaghtih parir biex jistenna ftit u ma jiffirmax il-kuntratt minhabba li kien *depressed*, ghalkemm kien *compos mentis*. Id-depressjoni hija kundizzjoni medika u tista' tinducik fi zball.

Hemm ic-certifikat a fol 34 tal-process rilaxxat minn Dr. Cassar.

Gie prezentat affidavit ta' Joanne Farrugia fejn fih semmiet li fil-hajja mizzewga hi u l-attur dejjem kienu ferhanin u ma kien jonqoshom xejn. Wara hafna dewmien u komplikazzjonijiet kellhom zewgt itfal tewmin. Qalet li l-problemi fiz-zwieg taghhom bdew ghall-habta ta' Jannar 2003 wara li kien tilef rasu wara tfajla li dahlet tahdem fuq il-post tax-xoghol ta' l-attur. Semmiet li l-attur inbidel hafna. Beda juza hafna l-mobile, johrog wahdu ghal *drives* twal, beda jixtri hwejjeg issikkati u tal-moda, jiehu hsieb tieghu nnifsu aktar mis-soltu. Qalet li d-dar kien beda jhossu mdejjaq hafna u f'Marzu 2003 iddecieda li jmur ghand il-psikologa Dr. Anna Cassar. Hi kienet offrietlu li tmur mieghu izda hu xtaq li jmur wahdu. Semmiet li hi kienet inkwetata hafna dwar l-attur u kienet iccempillu ta' spiss. L-attur kien inkwetat ghax qal li fuq ix-xoghol kien hemm ghidut fuqu u fuq Ruth u hi kienet qaltlu li '*there is never fire without a spark*' izda hu cahad li kien hemm xi haga bejniethom.

Qalet li bdew il-proceduri legali u l-attur kien halla f'idejn missierha biex isibilhom avukat. Iltaqghu ma' Dr. Simon Tortell fejn dan issuggerixxa lill-attur biex isib avukat iehor izda hu qallu li kien kuntent li jahdmu t-tnejn bih. L-avukat, wara li sema' l-istorja taghhom, wasal ghall-konkluzjoni li l-attur kellu mara ohra izda l-attur rega' cahad din l-akkuza. L-avukat kien issuggerixxa li jmorru ghand *marriage councellor* izda huma ddecidew li jkomplu bil-process tas-separazzjoni. Semmiet li hi talbet ghal kustodja tat-tfal u m'ghamlet l-ebda restrizzjoni fuq il-*visiting hours* ta' l-attur u ddiskutew l-affarijiet kollha li ghandhom bejniethom. Qal li l-avukat kien baghtilhom id-*draft* tas-separazzjoni permezz ta' l-*e-mail*, qrawha t-tnejn, bidlu xi affarijiet u qablu fuq li kien hemm miktub.

Semmiet li l-attur telaq mid-dar xi ghaxart ijiem qabel l-ahhar ta’ Awissu 2003. Il-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmawh quddiem in-Nutar Marco Burlo` fl-4 ta’ Settembru 2003. Qalet li n-Nutar kien staqsiehom jekk kienux fehemu dak kollu li kien inqralhom u huma t-tnejn wiegbu li iva. Semmiet li ftit zmien wara l-iffirmar tal-kuntratt ta’ separazzjoni l-attur kien ha *loan* mill-bank u kien xtara l-post fejn ghadu jghix fih illum.

Gie prezentat affidavit ta’ Louis Gauci, missier il-konvenuta.

Xehdet Eileen Gauci, omm Joanne Farrugia.

Xehed John Mary Farrugia, l-attur fejn spjega fid-dettall l-istorja tieghu minn meta mietet ommu sa wara l-iffirmar tal-kuntratt ta’ separazzjoni. Qal li l-mewt ta’ ommu kienet xokk kbir ghalih u li l-mara tieghu ma kienetx appoggjatu. F’Jannar 2003 beda jhossu depress hafna u ma setax jifhem x’qed igieghelu jhossu hekk. Kien konfuz hafna u xi drabi kien imur bil-karozza ghal hin twil, isuq u jisma’ l-muzika. Semma li tant beda jmur ghall-aghar li beda jkollu hsibijiet suwicidali u li beda jinkwieta minhabba t-tfal.

Semma li bejn Marzu 2003 sa Awissu 2003 kien beda jmur ghand psikologa u li l-mara tieghu qatt ma kienet marret mieghu u rarament kienet tistaqsieh kif kien sejjer bit-terapija. Semma li l-psikologa rriferietu ghand psikjatra fejn spjegalu x’kien qed ihoss u l-psikjatra ssuggerielu li jiehu xi farmaci u li jkompli jara l-psikologa. Hu kien irrifjuta li jiehu l-medicina peress li kien jaf l-effetti taghhom x’inhuma. Izda sostna li f’Novembru 2003 il-psikjatra kien ordnalu jiehu l-medicinali bilfors u kien staqsieh jekk kellux xi hadd biex jiehu hsiebu.

F’xhieda ohra John Mary Farrugia qal li veru li kien ha *loan* ta’ xi Lm18,000 mill-bank xi xaghrejn wara li kien gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni u dan kien hadu biex ikun jista’ jixtri dar. Qal li hu kien rah il-kuntratt ta’ separazjoni.

Rat id-digriet ta' l-Imhallef Noel Cuschieri datat 3 ta' April 2007 li fih inghad:
"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni prezentata mill-attur fil-21 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta fil-31 ta' April 2004 li tinsab esebita a fol 24 tal-process.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-qorti tiddikjara null fil-ligi l-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnu u bejn martu l-konvenuta, u dan in bazi ghall-inkapacita` mentali da parti ta' l-attrici fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt, qerq, vjolenza morali u zball. Dawn il-fatturi li jwasslu ghan-nullita` tal-kuntratt huma dixxiplinati mill-artikolu 966[a], 976 u 981 tal-Kap. 16 li allura ghandhom jirregolaw id-determinazzjoni tal-vertenza meritu tal-kawza.

Illi in tema legali jigi osservat li bhala regola, "il-kompetenza hija determinata fuq kollox u qabel kull kondsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha" [App. **C. Franckie Refalo vs Jason Azzopardi** – 7/10/1997].

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta car li l-<u>meritu principali</u> tal-kawza odjerna mhijiex il-kwistjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet u l-effetti konsegwenzjali ta' din is-separazzjoni kif mifthema fil-kuntratt; izda hija l-validita` o menu ta' l-istess kuntratt u cioe` jekk gewx sodisfatti r-rekwiziti stabbiliti *ad validitatem* mil-ligi sabiex parti legalment tkun tista' tidhol f'kuntratt, u izjed specifikatament, il-kapacita` mentali o menu ta' l-attrici meta dina ffirmat il-kuntratt li rabat iz-zewg partijiet.

Dan johrog car mill-artikoli tal-ligi formanti l-bazi legali ta' l-azzjoni u li jifformaw il-kawzali tat-talbiet taghha li huma [1] dikjarazzjoni ta' inkapacita` mentali ta' l-attrici li tidhol f'kuntratt; u [2] ir-rexissjoni ta' l-istess kuntratt. Il-fattur tas-separazzjoni, li huwa s-suggett tal-kuntratt, huwa incidentali ghal meritu tal-kawza.

Ghalhekk il-vertenza meritu tal-kawza odjerna ma tidholx fil-parametri tar-regolament 4[a] sa [e] ta' l-Iskeda ta' l-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 li jiddelinea l-gurisdizzjoni limitata ta' din il-Qorti; imma timpernja fuq l-artikli 966, 967, 968 u 974 tal-Kap. 16 u ghalhekk hija ta' kompetenza tal-Prim'Awla Civili fit-termini tar-regolament 6 ta' l-Iskeda tal-Avviz Legali 9/2004.

*In fine* jigi rilevat ukoll li ta' nuqqas ta' kompenteza hija wahda ta' ordni pubbliku li tista' tigi sollevata *ex officio* minn din il-Qorti, fi kwalunkwe stadju.

Ghaldaqstant, peress li din il-kawza, li tinsab differita ghas-26 ta' April 2007, ma taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti bhala Qorti Civli [Sezzjoni Familja], tordna li a kura tar-Registratur dan l-inkartament jintbaghat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tigi trattata u finalment deciza minn dik il-Qorti.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Registratur u lill-Avukati difensuri: Dr. Albert Libreri u Dr. Martin Fenech."

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu l-Qorti innominat lil Dr. Anton Grech bhala perit.

Rat ir-rapport ta' Dr. Anton Grech li fih semma:
"Konkluzjoni Peritali

1. Meta wiehed jikkonidra l-ezami li ghamilt lis-Sur John Mary Farrugia, ic-certifikati u xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Cassar, u l-affidavits ta' John Mary Farrugia u Joanne Farrugia, il-probabbilita` kbira hi li meta s-Sur John Mary Farrugia iffirma l-kuntratt tas-separazzjoni nhar l-4 ta' Settembru 2003 huwa kien ibati minn dipressjoni.

2. Din id-dipressjoni ma jidhirx li kienet ta’ natura severa hafna. Fl-ebda mument ma jidher li minhabba d-dipressjoni huwa kellu sintomi ta’ psikozi jew kien mentalment maqtugh mir-realta`.

3. Id-dipressjoni, bhal kull stat mentali iehor, taffetwa x’decizjonijiet wiehed jaghmel. Ghalhekk id-decizjonijet li s-Sur John Mary Farrugia ha meta ffirma l-kuntratt, kienu affetwati mil-fatt li huwa kien ibati minn dipressjoni.

4. Fl-assenza ta’ ezami mentali dakinhar li ffirma l-kuntratt huwa difficli biex wiehed jghid x’kien l-ammont ta’ l-influenza li d-dipressjoni kellha fuq id-decizjonijiet li ha.

5. Pero` il-probabbilita` hi li ghalkemm id-dipressjoni kellha influenza fuq id-decizjonijiet tieghu dakinhar tal-kuntratt, fl-ebda mument din l-influenza ma kienet daqstant kbira li huwa ma kienx jaf x’inhu jaghmel jew li d-decizjonijiet tieghu kienu kompletament irrazjonali.”

Xehed Dr. Anton Grech u semma li huwa difficli biex wiehed jghid x’kien l-ammont ta’ l-influwenza li d-depressjoni kellha fuq id-decizjonijiet li ha l-attur dakinhar tal-kuntratt ta’ separazzjoni. Semma li huwa difficli hafna li jaghti persentagg u dan peress li ma kienx rah dakinhar tal-kuntratt izda kien qaghad fuq li qallu Dr. Cassar u fuq li qallu hu. Qal li meta jassessja lil xi hadd f’dawn ic-cirkostanzi l-ewwel jara huwiex fil-grad li kien dementi. Jara jekk hux maqtugh totalment mir-realta` jew jekk huwiex fi stat li jaqdi l-atti civili tieghu. Fl-opinjoni tieghu l-attur ma kienx daqshekk hazin dementi li ma kienx fi stat li kapaci jaqdi l-atti civili tieghu. Ma kellux problema ta’ memorja, ma kienx maqtuh totalment mir-realta` u din l-impressjoni hadha minn dak li qallu Dr. Cassar u minn dak li qallu l-attur stess ghax dak il-mument ma kienx rah. Semma li bniedem li jkun ghaddej minn depressjoni u fi

stat ta’ ansjeta` jista’ jkun *rushed to take certain decisions*. Qal li l-attur ma kienx fi stat li jigi interdett jew inabilitat pero` jemmen li xi hadd waqt *depressjon*, taht l-effett ta’ *depression* u ansjeta` zgur li tinfluwenzalu d-decizjonijiet li jrid jew jehles malajr jew xi haga hekk. Semma li Dr. Cassar uza l-kliem ‘*could have’*, u ‘*a major role*’ jigifieri l-anqas hu ma kien cert. Bil-kelma *major*, li hija vaga wisq tista’ tifhem li tista’ tkun li affettwatu kompletament ghalkemm jahseb li ma garax hekk izda xi ftit zgur kellhu influwenza. Qal li hu jaghti piz kbir lill-opinjoni li jaghti psikjatra li rah hafna eqreb lejn l-okkazjoni milli rah hu. Fl-opinjoni tieghu qal li l-influwenza ma kenitx assoluta izda kienet relattiva.

Semma li l-psikjatrija ghandha diversi modi kif tikklassifikaha u fil-kaz ta’ l-attur il-kundizzjoni tieghu ma kenitx klassifikata bhala *major depressive episode with psycosis* jigifieri meta wiehed ikun maqtugh mir-realta`. Qal li l-psikjatra li kien rah dakinhar stess hass li ma kienx hemm psikozi. Qabel li kienet *depression* qawwija imma l-psikjatra ma elenkax li kien hemm psikozi u meta ghamel il-mistoqsijiet lill-klijent ma kienx ra li kellu sintomi ta’ psikozi. Semma li f’cirkostanzi bhal dawn wiehed ahjar ma jiehux decizjonijiet ghax ikun hemm influwenza relattiva li ma thallihx jiehu d-decizjonijiet totalment b’mod car. Ic-cans li meta jiehu decizjonijet taht l-influwenza ta’ *depression* ikunu zbaljati izzid ghax wiehed ikun aktar negattiv, jara d-dinja b’aktar negattivita`, ikun anzjuz allura certa decizjonijiet tghaggel biex tehodhom. Semma li recentement kien ezaminah, u meta mistoqsi jekk kienx fi stat li jiehu decizjoni jew le irrisponda li jekk ikun *strict to the point,* iva ghax ma kienx fi stat li wiehed jista’ jinabilitah. Izda jemmen li d-decizjonijiet tieghu kienu *rushed*, kienu impulsivi.

Kompla jghid li meta kien ezaminah, wahda mill-affarijiet li l-attur kien qallu kienet li tant kien jafda lill-mara li qabad u ffirma u lanqas biss qara l-kuntratt. Meta mistoqsi jekk hix haga normali jew le l-fatt li anqas qara l-kuntratt u ffirma qal li ma jahsibx li hija haga ghaqlija pero` jaf li gieli tigri. Sostna li l-attur problemi ta’ memorja ma kellux, ma kienx maqtugh mir-realta` u kien kapaci jifhem meta n-nutar

qara l-kuntratt ta' separazzjoni. Qal ukoll li taht depressjoni seta' kellu problema li jkun impulsiv fid-decizjonijiet pero` jahseb li jekk xi hadd qaghad jaqralu, bi sforz seta' jifhem ahjar.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur talab li l-Qorti tiddikjara affettwat minn vjolenza morali u qerq adoperati mill-konvenuta fil-konfront tieghu u f'kull kaz anke huwa rizultat ta' zball da parti ta' l-attur u tirrexxindi u tannulla l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejnu u bejn martu l-konvenuta, u dan in bazi ghall-inkapacita` mentali da parti ta' l-attur fil-mument ta' l-iffirmar tal-kuntratt.

L-artikolu 966 (a) tal-Kap 16 jirrikjedi li sabiex kuntratt ikun jiswa, il-partijiet ikunu kapaci jikkuntrattaw. Kull persuna tista' tikkuntratta sakemm ma tkunx dikjarata inkapaci mil-ligi. L-inkapaci li jikkuntrattaw a tenur ta' l-artikolu 967 tal-Kap 16 huma minuri, l-interdetti jew inabilitati u dawk kollha li l-ligi timpedihom minn xi kuntratti. Hu essenzjali li persuna li tikkuntratta jkollha l-uzu tar-raguni. L-artikolu 976 tal-Kap 16 jipprovdi li l-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha, haga li tkun l-oggett tal-ftehim. Vjolenza tista' twassal ghan-nullita`, specjalment jekk il-kunsens ikun ittiehed bi vjolenza. Naturalment ghemil doluz huwa motiv ta' nullita` ta' ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikun tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta. Ghemil doluz irid dejjem jigi ippruvat.

Hija regola li wiehed ghandu jqis kuntratti u atti ohra bhala validi, u hekk ghandu wiehed iqis dejjem il-kuntratti u qatt l-oppost. Il-piz fuq min irid iwaqqa' kuntratt huwa dejjem fuq min isostni l-inkapacita`, il-vjolenza ecc, u ghalhekk fil-kaz in ezami tali prova tali prova kienet taspetta lill-attur.

Irrizulta li meta John Mary Farrugia iffirma l-kuntratt tas-separazzjoni nhar l-4 ta' Settembru 2003 huwa kien ibati minn dipressjoni, izda din id-dipressjoni ma jidhirx li kienet ta' natura severa hafna. Fl-ebda mument ma jidher li minhabba d-dipressjoni l-attur kellu sintomi ta' psikozi jew kien mentalment maqtugh mir-realta`. L-espert nominat

mill-Qorti ikkonkluda li l-probabbilita` hi li ghalkemm id-dipressjoni kellha influenza fuq id-decizjonijiet ta’ l-attur dakinhar tal-kuntratt, fl-ebda mument din l-influenza ma kienet daqstant kbira li huwa ma kienx jaf x’inhu jaghmel jew li d-decizjonijiet tieghu kienu kompletament irrazjonali.

Jirrizulta wkoll li xi xaharejn wara li l-attur iffirma l-kuntratt ta’ separazzjoni, hu ottjena self mill-bank sabiex jixtri l-*maisonette* gewwa s-Salini li ghadha ghandu sa llum.  Ma jidhirx li f’ebda hin hu ipprova jattakka l-kuntratt ta’ dik il-loan.

Jigi osservat ukoll li ghalkemm l-attur iddikjara li ffirma l-kuntratt ta’ separazzjoni rizultat ta’ vjolenza morali u qerq kif ukoll zball, dawn l-allegazzjonijiet ma gewx bl-ebda mod ippruvati bil-provi rikjesti skond il-Ligi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u naturalment ma tistax tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur.

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------